**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lara Butters)**

**vs**

**Mohammed Said Smaali**
**Abdulsemat Suleman**
**Fanta Kanata**
**Cisse Mana**

**Illum 3 ta' Marzu, 2020**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati **Mohammed Said Smaali** detentur ta' Numru tal-pulizija 19Z-011, **Abdulsemat Suleman** detentur ta' Numru tal-Pulizija 19O-014, **Fanta Kanata** detentrici ta' Numru tal-Pulizija 19Z-002 u **Cissi Mana** detentrici ta' Numru tal-Pulizija 19II-184 billi huma akkuzti talli fit-2 ta' Marzu, 2020 u jew fil-jiem, gimghat jew xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-gzejjer;

1. Iffalsifikaw, biddlu jew għamlu xi tibdil f'passaporti, jew użaw jew kellhom fil-pussess taghhom xi passaport, li huma kienu jafu li ġie iffalsifikat, imbiddel jew li sar xi tibdil fih (Kap 61, Sec 5 tal-Liġijiet ta' Malta);
2. Għamlu falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamlet użaw minn xi dokumenti oħra iffalsifikati (Kap 9, Sec 189 tal-Liġijiet ta' Malta);
3. Mingħajr awtorità leġittima użaw jew kellhom fil-pussess taghhom xi dokument, meħtieġ għall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1)(f) tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputati, debitament assistiti mill-konsulenti legali taghhom tennew li huma ħatja ghall-akkuzi kollha miġjuba kontra taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghhom, din il-Qorti wissiethom b'mod l-

aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dawk it-twegibiet, u nghataw zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha.

Illi l-imputati regghu tennew ammissjoni ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghhom, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata taghhom, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex toroq ohra salv li ssib lill-imputati hatja ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghhom kif minnhom ammessi.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti, wara li rat Sec 3 u Sec 4 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta u Sec 32(1c) tal-Kap 217 qed issib lill-imputati hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghhom u tikkundannhom sitt (6) xhur prigunerija kull wiehed.

-----------------------------

**Dr Joseph Mifsud**
**Magistrat**

Margaret De Battista
Deputat Registratur